# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 18**

**Avviz. numru 1685/99mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Emanuel Pace u b'digriet tal-Qorti tal-15 ta' Frar 2000 gie kjamat fil-kawza Joseph Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Novembru 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u disgha liri (Lm409.00) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 441501 (numru tal-klijent 4446) skond kif jirrizulta mill-anness Dok A u dana kif jirrizulta mill-anness kopja ta' applikazzjoni hawn annessa u nnotata Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju,1995 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imaghxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Pace fejn eccepixxa :-

1. Illi l-eccipjent ma ghandu jaghti xejn lill-kumpanija attrici billi huwa kien iddispona minn negozju Master Dietary Foods and Paste Factory gestit fil-fond de quo favur Joseph Gatt b'kuntratt pubblikat minn Nutar Anthony Gatt fil-31 ta' Ottubru 1981. B'dan huwa kien informa lill-kumpanija attrici jew ahjar lill-predecessur taghha t-Telemalta Corporation b'ittra datata 28 ta' Dicembru 1981 esibita mill-istess kumpanija attrici flimkien mal-avviz bhala Dok A.

2. Illi l-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju 1995 qatt ma giet notifikata lill-eccipjent li, kif jidher mill-istess ittra kien joqghod u ghadu joqghod f'Casa Pace, Old Railway Road, Balzan.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Frar 2000 fejn gie kjamat fil-kawza Joseph Gatt.

Rat illi dan ta' l-ahhar gie debitament notifikat izda baqa' ma pprezentax eccezzjonijiet.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi f'xi zmien il-konvenut Emanuel Pace kien jiggestixxi fabbrika bl-isem ta' *Master Dietary Foods and Paste Factory* ta' 20/21 Mriehel Street, B'Kara. F'dan il-fond kien juza s-servizz imsemmi fl-avviz.

Jidher illi fl-1981 il-konvenut ittrasferixxa din l-azjenda lill-kjamat fil-kawza Joseph Gatt ta' 16 Qormi Road, Attard. Ma' dan it-trasferiment il-konvenut kiteb lit-Telemalta fejn infurmaha b'dak illi kien qed jigri u talab illi jinghata kont tat-telephone u kera sat-30 ta' Ottubru,1991. Kopja ta' din l-ittra tinsab esibita ta' fol 2 tal-process. Din l-ittra giet esibita mill-istess socjeta' attrici li maghha wkoll esibiet prospett fejn juri l-ammont reklamat fl-avviz. Ta' min isemmi illi minkejja dan it-trasferiment ta' l-1981 il-kont li qed jigi mitlub minghand il-konvenut imur sa Dicembru 1990. Mhuwiex maghruf min hallas il-kontijiet bejn il-1981 u 1990. Zgur pero' li ma kienx il-konvenut peress illi dana xehed illi qatt ma rcieva kontijiet minghand is-socjeta' attrici f'dan il-perjodu, u anke wara, u kien biss b'din il-kawza illi sar jaf li kien hemm dan il-kont pendenti.

Il-Qorti ssib din l-ispjegazzjoni tal-konvenut ferm gustifikata. Ma hemmx dubbju li l-konvenut mhuwiex responsabbli ghal dak l-ammont reklamat fl-avviz, peress illi huwa ezima ruhu minn kull responsabbilta' tal-fabbrika almenu ghaxar snin (10) qabel ma waqfu jithallsu l-kontijiet, liema kontijiet baqghu moruzi ghal tlett snin wara (3).

Il-kjamat fil-kawza Joseph Gatt baqa ma wegibx ghal din it-talba, pero' il-Qorti jidhrilha illi l-perjodu ndikat fil-prospett huwa dan ta' l-ahhar illi ghandu jkun responsabbli ghal hlas ta' l-ammont reklamat fl-avviz u mhux il-konvenut Emanuel Pace. Il-Qorti hija sodisfatta bil-provi li ngabu mis-socjeta' attrici kif ukoll mix-xhieda ta' l-istess Emanuel Pace illi ghandu jkun Joseph Gatt responsabbli ghall-ammont reklamat fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u filwaqt li tillibera lill-konvenut Emanuel Pace mill-osservanza tal-gudizzju, tikkundanna lill-kjamat fil-kawza Joseph Gatt li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba mija disgha liri (Lm409.00) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 441501 bhal ma jidher fil-prospett Dokument B anness ma' l-avviz. Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-kjamat fil-kawza Joseph Gatt.

Anthony Zammit
Dep Reg